**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' April 2024**

**<u>Rikors nru : 142/2024 AGV</u>**

**JC**

**-vs-**

**LC**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' JC**

**Jesponi reverentement;**

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) kif jirrizulta mill-annessa kopja tac-certifikat taz-zwieg taghhom immarkat bhala **Dok. A**.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), u dana permezz ta' kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Marco Burlo` LL.D, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, **Dok. B**.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenuta stante rinunzja reciproka fi klawsola erbgha punt wiehed (4.1), u lanqas ma hemm manteniment pagabbli f'arretrati ghat-trobbija ta' ulied il-partijiet stante li dan gie mhallas bil-quddiem u kkapitalizzat fl-istess att li permezz taghhom il-partijiet irregolaw is-separazzjoni personali taghhom.

Illi in oltre l-esponent qieghed jiehu l-okkazjoni jesebixxi l-affidavit tieghu anness u mmarkat bhala **Dok. C**.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob revrentement illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-konvenuta ma ghandhix oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju .

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 22 ta' Dicembru 2008**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**